MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 373/2006

Il-Pulizija
(Spt. A. Miruzzi)

Vs

Omissis

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-20 t’Awissu, 2006, ghall-habta tas-2.15 p.m, fil-Bajja tal-Gnejna, f’xatt il-bahar, kienet gharwiena jew ma kienitx liebsa xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 338q tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza izda lliberataha

bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien gimgha, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-21 ta’ Novembru, 2006,  li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ravvizata mid-difiza.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti kienu fil-qosor is-segwenti :-

Li l-fatt li mara tkun *topless* fuq il-*beach*, specjalment *beach* mohbi, ma jikkostitwixx l-elementi kostituttiv tar-reat u ma jirrendix mara gharwiena. Bhal ragel li jkollu il-genitali tieghu mghottija w ikollu sidru mikxuf ma jkunx gharwien, l-istess fil-kaz ta' mara. Nofs gharwien mhux gharwien u mara nofsha gharwiena mhux gharwiena. Jekk umbaghad wiehed jezamina t-tieni ipotesi tal-ligi: "*li ma kienetx liebsa xieraq",* hawn si tratta ta' element assolutament soggettiv u mhux necessarjament kriterju legali li fuqu tista' tinstab htija. Fil-bajja in kwistjoni, b' differenza ghall-postijiet ohra, ma hemm l-ebda avviz li mara ma tistax tghum *topless.* Illi l-kriterji ta' ilbies xieraq jimbidlu biz-zmien. Meta hargu l-bikini kien hawn ghagha mad-dinja kollha imma llum hadd ma jazzarda jghid li dan hu lbiex mhux xieraq. Saret umbaghad riferenza ghall-pitturi, films, statwi eccetera fejn jidher is-sider espost tal-mara w fejn dan ma jitqiesx dizonest. Ir-reat jista' jezisti meta jkun hemm il-ksuhat u mhux li meta bniedem iwarrab u japparta ruhu. Inoltre, kwalunkwe dikjarazzjoni ta’ htija, anki jekk it-trattament ikun taht il-Kap.446, ikun jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem, li hadd ma jista’ jinstab hati ta’ reat li mhux reat.

Rat in-Nota tal-appellanti minnha pprezentata fis-6 ta’ Frar, 2007;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-20 ta’Frar, 2007;

Rat is-sentenza taghha tat-8 ta' Marzu, 2007 fejn wara li kkonsidrat; li fin-nota tal-appellanti hija qajjmet formalment il-kwIstjoni tal-incertezza tal-ligi u l-kriterju assolutament soggettiv ghal gudikant tat-tieni parti tal-artikolu 338(q) li jghid “*fil-portijiet, fi xtut il-bahar jew f’ lok iehor pubbliku, jinza gharwien jew ma jkunx liebes xieraq”*, din il-Qorti, rinfaccjata b’ din il-pregudizzjali sollevata mill-appellanti w talba biex din il-Qorti tirriferixxi l-kwistjoni lill-Qorti Civili, Prim’ Awla, a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni, w l-artikolu 4 (3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), baghtet il-kwistjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili biex taghti d-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghha kif ukoll fin-nota tal-appellanti tas-6 ta’ Frar, 2007 u tal-verbal registrat fl-udjenza tal-25 ta’ Jannar, 2007, u dana skond il-ligi  w ddifferiet il-kawza “*sine die*“ sakemm ikun hemm ezitu definittiv fil-proceduri li ser isiru b‘ konsegwenza ta‘ din ir-referenza kostituzzjonali .

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) tat-28 ta' Marzu, 2008, (per G. Valenzia J.), li biha ddecidiet li: *" l-ahhar parti tal-art. 338 (q) tal-Kap. 9 ghandha tigi interpretata fid-dawk tal-ewwel parti tal-istess artikolu f' liema parti  wiehed isib espressjoni cara tal-elementi tal-kontravvenzjoni in kwistjoni. Fit-tieni parti l-uniku fatt li hemm huwa li persuna trid tkun liebsa xieraq. Issa li mara tkun gharwiena hlief ghall-qalziet (topless) mhux meqjus fis-socjeta' Maltija bhala lbies xieraq kif inhi l-ligi llum u ghalhekk ukoll li dan l-artikolu m'ghandux jinqara 'in vacuo' izda ghandu jinqara w jiftiehem fil-kuntest ta' ordni pubblika ricenti f' Malta. ghalhekk fil-kaz in ezami ma hemm ebda ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea w ordnat li l-atti jergghu jintbaghtu lill din il-Qorti."*

Rat li ma sarx appell  minn din is-sentenza,  kif gie verbalizzat illum stess.

Ikkonsidrat;

Illi mill-fatti kif irrizultaw lil din il-Qorti, jidher assodat li l-appellanti kienet qed tixxemmex bla ricipetto fuq il-blat tal-bajja li tigi bejn dik ta' Ghajn Tuffieha w dik tal-Gnejna, bajja li hija rinomata ghan-*nude bathing*. Vicin taghha kien hemm ragel gharwien kompletament mentri hi kienet liebsa biss qalziet tal-malja. LiIl-Pulizija, li kienu qed jaghmlu *patrol* minn fuq il-bahar, kienu kellmhuhom xi nies fuq *boat* li qalulhom li kien hemm nies mhux liebsin xierqa w huma dahlu l-art u hadu l-*particulars* ta' dak ir-ragel l-iehor u tal-appellanti.

Illi bl-emenda introdotta ghall-artikolu in dizamina bl-Att XLI tas-sena 1933, li dak iz-zmien kien enumerat 339(21), il-kontravvenzjoni ta' min, fil-portijiet, fuq l-ispjageg marittimi, vicin l-abitat, jesponi ruhu gharwien, biex jghum jew biex jistghad jew jigbor il-frott tal-bahar, giet mibdula biex tinkludi ukoll dik ta' min fil-portijiet, fuq l-ispjageg marittimi jew f' kull post iehor pubbliku, jesponi ruhu gharwien jew <u>mhux liebes xieraq</u>.(fit-test Ingliz "*whosoever in the harbours, on the sea-shore or in any other public place , exposes himself naked <u>or indecently dressed."</u>*<u>)</u>

L-appellanti tissottometti li bil-fatt li kienet qed tixxemmex *topless* dan ma jammontax ghall-kontravvenzjoni li ma kienetx liebsa xieraq.

Illi pero' wara l-pronunzjament awtorevoli w inekwivoku tal-Qorti Civili, Prim' Awla, (Sede Kostituzzjonali) li ***<u>"mara li tkun topless mhux mejqus fis-socjeta' Maltija bhala ilbies xieraq kif inhi l-ligi llum",</u>*** din il-Qorti ftit li xejn ghandha x' tiddieciedi hlief jekk jirrizultax li l-appellanti kienet fil-fatt t*opless* f' xatt il-bahar jew f' lok iehor pubbliku. Il-Prim' Awla *"obiter*" semmiet ukoll li ghal persuna Maltija - bhal ma hi l-appellanti - suppost li kien ben saput li ma jistax isir ghawm jew *sun bathing topless* f' post pubbliku kif del resto hu avvzat f' hafna bajjiet u xtajtiet b' avvizi w n*otices* palezi w multilingwi, ghalkemm fil-bajja in kwistjoni ma kienx hemm avviz simili. Ma hemmx dubju li l-bajja in kwistjoni, ghalkemm imwarrba,

hija lok pubbliku, w pjenament accessibbli ghal-pubbliku kemm mill-art kif ukoll bl-ingenji tal-bahar.

Ghalhekk fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti Civili, Prim' Awla, (Sede Kostituzzjonali) kif fuq citat w fid-dawl tar-rizultanzi fattwali, jidher li l-imputazzjoni kontravvenzjonali dedotta kontra l-appellanti tirrizulta pruvata.

Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------